# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU 2334

**Kaz Numru 3051/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Alessandro Bruno (I.D.No.046017 A)**

**u**

**GVC New Ltd. u Gaming VC Corp. Ltd., jew min minnhom**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 10 ta' Dicembru, 2014.**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Alessandro Bruno fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-3 ta' Awwissu, 2012, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kienetx wahda valida 'ai termini' tal-ligi ghaliex ma gewx osservati l-provedimenti tal-Kapitolu 452 u regolamenti sussidjarji fir-rigward. Min-naha ta' GVC New Ltd., sostniet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mall-Appellant ghaliex dan qatt ma kien impjegat maghha. Min-naha ta' Gaming VC Corporation Ltd., sostniet li l-impieg tal-Appellant gie fi tmiemu minn maghha ghaliex kien gie trasferit lejn il-GVC New LTD 'in seguito' ta' trasferiment ta' negozju.

It-Tribunal gie mitlub mill-partijiet sabiex preliminarjament kellu jiddeciedi jekk it-tansazzjoni kummercjali li sehhet bejn iz-zewg kumpaniji intimati kienetx tikkostitwixxi ' Trasferiment ta' Negozju'. Fl-istess waqt , it-Tribunal intalab ukoll jittratta eccezzjoni preliminari mqajjma minn GVC New Ltd., dwar jekk ghandiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, minhabba li hija mhiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri peress li l-Appellant qatt ma kien impjegat maghha.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa min-nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri.

- **Rapprezentanza**

Alessandro Bruno li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien assistit fil-bidu mill-Avv. Josette Grech u aktar tard minn Dr. Mario DeMarco.

GVC New Ltd., kienet irraprezentata mill-Avukat Jonathan Thompson.

Gaming VC Corporation Ltd. li kienet irraprezentata minn Karl Diacono assistit mill-Avv. Paul Gonzi.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ingaggat ma' Gaming VC Corporation Ltd. nhar id-9 ta' Gunju, 2008, fuq kuntratt indefinit fil-kariga ta' *Customer Service Administartor.* Nhar is-6 ta' Marzu, 2012, l-Appellant kien gie nfurmat illi x-xoghol konness ma' Betaland kien ser jigi trasferit lil GVC New Ltd.

Nhar l-10 ta' Marzu, 2012, f'laqgha li organizza il-*Management* ta' Gaming VC Corporation Ltd., fejn prezenti kien hemm ukoll rapprezentant ta' GVC New Ltd., l-Appellant kien gie offrut impieg ma' GVC New Ltd., fl-istess kariga, pero' b'kundizzjonijiet differenti. Nhar is-16 ta' Marzu, 2012, Gaming VC Corporation Ltd. infurmat lill-Appellant permezz ta' *E-mail* li jekk sa tlett ijiem wara, ma jircievux il-kuntrarju, jkunu qed jifmhu li huwa kien qieghed jaccetta li jkun trasferit ma' GVC New Ltd.

Fis-16 ta' Mejju, 2012, il-konsulenti legali ta' Gaming VC Corporation Ltd. infurmaw lill-Appellant li l-*Lotteries & Gaming Authority* approvat it-trasferiment tal-licenzji konnessi ma' Betaland lil GVC New Ltd., u li ghaldaqstant it-trasferiment tan-negozju sar b'sehh mill-4 ta' Mejju, 2012. Fl-istess jum, l-Appellant skopra minghand l-ETC li l-impieg tieghu gie mitmum minn ma' Gaming VC Corporation Ltd., b'effett mit-30 ta' April, 2012.

Minkejja dan, l-Appellant baqa' jattendi ghax-xoghol sal-21 ta' Mejju, 2012, u dan f'xenarju fejn ma kienx jaf ezatt ma' minn kien propjament impjegat.
Nhar l-20 u l-26 ta' Mejju, 2012, l-Appellant kellu laqghat ma' ufficcjali ta' GVC New Ltd., dwar kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu u li pero' ma kienux gew konklusi b'mod posittiv.

- **Sintesi tas-sottomissjonijiet tal-kaz**

**Dr. Jonathan Thompson** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata GVC New Ltd., beda qal li l-impjieg tal-Appellant gie mitmum minn ma' Gaming VC Corp. Ltd., nhar it-30 t'April, 2012, u dan kif indikat kemm fit-*termination form* tal-ETC u anke mix-xhieda tal-Appellant innifsu. L-Avukat qal li t-transazzjoni bejn il-kumpaniji sehhet nhar l-4 ta' Mejju, 2012. Dan ifisser, sostna Dr.Thompson li dan it-temm tal-impjieg sar qabel sehhet it-transazzjoni kummercjali bejn iz-zewg kumpaniji. Fl-ambitu ta' dan l-argument Dr.Thompson qal li anke jekk jigi stabbilit li dak li sar kien '*transfer of business'*, l-Appellant ma setax ikun meqjus bhala impjegat ta' GVC New Ltd., kif tikkontempla l-ligi.
Dwar it-transazzjoni kummercjali li saret bejn iz zewg kumpaniji, Dr.Thompson qal li din ma kienetx '*transfer of business'* u dan ghaliex ma gewx segwiti kemm formolitajiet rikjesti mil-ligi (Art.38.2) u anke d-doveri fuq minn qed jittrassferixxi n-negozju ( Leg. Suss.452.85.6/7). Sabiex isostni din it-tezi, Dr.Thompson ghalaq billi ghamel referenza ghal zewg kundizzjonijiet li jiffurmaw parti mill-*Council Directive* tal-Unjoni Ewropeja li titratta trasferiment ta' negozju.

**Dr. Paul Gonzi** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata Gaming VC Corp. Ltd., beda billi qal li l-kuntratt bejn iz-zewg kumpaniji dwar it-transazzjoni kummercjali sehh propju nhar it-3 ta' April, 2012. Dr. Gonzi qal li l-effett ta' dan il-kuntratt kien kundizzjonat mill-approvazzjoni tat-trasferiment tal-licenzji mill-LGA, li saret nhar l-4 ta' Mejju 2012. Dr. Gonzi qal li l-kuntratt jistipula li mid-data tal-kuntratt fuq GVC New Ltd., waqghu l-obbligazzjonijiet kollha fir-rigward ta' l-impjegati li kienu f'*Schedule 8* li kienet tifforma parti mill-kuntratt. Huwa sahaq li kieku l-LGA ma approvatx it-trasferiment tal-licenzji, l-kuntratt kien ikun null u kollox jerga' lura ghal li kien.
Dwar it-*termination form* li ntbaghtet lill-ETC fir-rigward tal-Appellant, Dr. Gonzi qal li r-raguni ndikata tat-tmiem tal-impjieg kienet minhabba '*transfer of business'* u allura d-data effettiva tat-temm tal-impjieg kienet meta propju sar dan it-trasferiment u cjoe fit-3 ta' April, 2012, anke jekk fil-formola tal-ETC tidher it-30 t'April, 2012. Dr. Gonzi sostna li Gaming VC Corp. Ltd., qatt ma temmet l-impjieg tal-Appellant, izda l-impjieg gie fi tmiemu ghaliex sehh *transfer of business* bejn iz-zewg kumpaniji.
Dr. Gonzi kompla billi elenka fid-dettal x'kienet tikkomprendi t-transazzjoni kummercjali li sehhet bejn iz-zewg kumpaniji u dan fil-kuntest tal-fehma tieghu li dak li sehh kien fil-fatt trasferiment ta' negozju.

**Dr. Mario DeMarco** ghan-nom tal-Appellant beda it-trattazzjoni tieghu billi qal li minkejja dak li z-zewg kumpaniji mhux qed jaqblu dwar meta dahlet fis-sehh it-transazzjoni kummercjali li saret bejniethom u anke dwar meta sehh it-tmiem tal-impjieg tal-Appellant minn ma' Gaming VC Corp. Ltd., l-Appellant ma' xi hadd kien impjegat zgur.
Dr. DeMarco ghamel referenza ghall-kuntratt li sar bejn il-kumpaniji, fejn qal li dan jitkellem dwar '*a licenced business transfer agreement'*. Wara huwa spjega x'inhu rikjest mil-ligi sabiex japplika l-artiklu legali dwar *transfer of business* fejn jaghmel referenza anke ghall-impjegati. F'dan il-kuntest Dr. DeMarco qal li l-Appellant kien jifforma parti mil-lista tal-impjegati in kwistjoni.
Huwa qal li mmaterjali jekk l-Appellant u GVC New Ltd ma ftehmux dwar kemm kellu jkun is-salarju, dan kellu jkollu l-istess kundizzjonijiet li kellu ma' Gaming VC Corp. Ltd.
Dr. DeMarco semma kif l-Appellant thallas is-salarju ta' April 2012, liema hlas sar minn Gaming VC Corp. Ltd., u li tieghu saret rifuzjoni minn GVC New Ltd. li l-Appellant baqa' jirraporta ghax-xoghol matul Mejju 2012.

- **Decizjoni**

Sabiex jasal ghal decizjoni jekk it-transazzjoni kummercjali li saret bejn iz-zewg entitajiet intimati ghandiex tkun meqjusa bhala 'trasferiment ta' negozju', it-Tribunal fela bl-attenzjoni dovuta il- fatti kollha kif gew sponuti sa issa matul dan il-process b'mod partikolari zewg fatturi li jiffurmaw parti importanti minn dawn il-fatti.

Dawn kienu, il-ftehim li gie iffirmat bejn iz-zewg kumpaniji nhar it-3 ta' April, 2012 initiolat '*Licenced Business Transfer Agreement'*, u x-xhieda propja ta' Antonio Ricci mifruxa fuq diversi seduti. It-Tribunal analizza bir-reqqa l-kontenut ta' dawn il-fatturi u dan ghamlu fl-inkwadratura tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 Art 3 (1), ' Regolamenti Dwar Harsien tal-Impiegi Fit-Trasferiment Ta' Negozju'.

B'rizultat ta' din l-analizi, it-Tribunal jiddeciedi li t-transazzjoni kummercjali li saret bejn iz-zewg kumpaniji fiha l-elementi necessarji li jikkostitwixxu 'Trasferiment ta' Negozju'.

Dwar jekk GVC New Limited ghandix tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju kif mitlub minnha, it-Tribunal qies bhala importanti hafna tlett avvenimenti li ma gewx disputati, u cjoe li l-impjieg tal-Appellant intemm minn ma' Gaming VC Corp. Ltd., minhabba trasferiment ta' negozju, li l-Appellant ircieva hlas dovut lilu bhala salarju sa l-ahhar ta' April 2012 liema hlas sar minn Gaming VC Corp. Ltd., fejn saret rifuzjoni tieghu minn GVC New Limited, u li l-Appellant baqa' jattendi ghax-xoghol sal-21 ta' Mejju, 2012.

Tenut kont li t-Tribunal iddecieda li dak li sehh bejn iz-zewg kumpaniji jikkostitwixxi ‘Trasferiment ta’ Negozju’ u tal-avvenimenti riferuti aktar il-fuq, it-Tribunal jiddeciedi li GVC New Limited m’ghandiex tkun liberata kif gie mitlub.

Sussegwentament jordna l-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**